# 50. Resurgam! *

Foqos fuq werqa żgħira f'wiċċ l-għadira
dudu sewdien u żgħir, u malli foqos
għodos ġol-ilma, niżel jgħix fil-ħama
u t-tajn tal-qiegħ.

U għal tliet snin tkaxkar mal-art ġol-ħama,
u kiel id-dud, l-għeruq u l-bċieċ tal-ħatab
u l-bċieċ tal-weraq marradin safrana
li fil-qiegħ jinżlu.

U t-trill u ż-żrinġijiet u l-ħut imżewwaq
kienu jqisuh bħal ħaġa ta' stkerrih;
ma basru qatt li taħt kruhitu sewda
hemm ruħ moħbija.

Wasal il-jum tal-qawma mill-imwiet!
Id-dudu tela' minn ġot-tajn u l-ħama,
qabad ma' xitla, u tela' fuq wiċċ l-ilma
u f'fosdqa tgeżwer.

Il-fosdqa wara ftit fi tnejn inqasmet,
u minn ġo nofsha ħareġ mazzarell
b'par ġwenħajn bojod, ġismu kollu mżewwaq
vjola u kannella.

Il-ħut b'geddumu mbewwaq fuq wiċċ l-ilma
lemaħ lill-mazzarell jittajjar fl-għoli,
u kollu mgħaġġeb ra lill-fosdqa kerha
mdendla ma' siġra.

Ix-xemx leqqet bis-sħiħ fuq il-għadira,
u b'kurunetta f'fomm kull raġġ ta' wiċċha
għanniet il-festa kollha ferħ tal-qawma
minn bejn l-imwiet!

** il-mazzarell (dragonfly) jofqos fuq werqa, jinżel fil-qiegħ, u wara tliet snin jitla' fil-wiċċ, isir chrysalis, u minnha joħroġ farfett.*